MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 445/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alfred Medina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (ID 227868 M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur ta' Mejju 2010 u Gunju 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil martu Rose Marie Roach u/jew lill- ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Medina [detentur tal-karta tal-identita' numru 227868M] minnu pprezentat fil-21 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata w dan billi, tvarja l-piena inflitta w tissostitwiha ghal wahda aktar mini u gusta ghal dan il-kaz, u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti għamlet l-ebda apprezzament tal-fatti u dan kif jirriżultaw minn xhieda prodotti quddiemha mill-partijiet. Bħala stat ta' fatt, l-appellant matul dawn ix-xhur u x-xhur l-oħra f'din is-sena, effettivament mantna lill-uliedu huwa personalment u dan peress li kien jieħu ħsieb tagħhom hu.

2. Illi l-Ewwel Qorti interpretat verbatim il-kuntratt ta' separazzjoni u mhux l-ispirtu tiegħu u cioe' li l-manteniment irid jingħata lill-mara u mhux li l-manteniment huwa dovut versu l-ulied.

3. Illi l-piena hija waħda eċċessiva.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet lill-mara tal-appellant, Rosemaire Median Roach, tixhed li hi ma kenitx irċeviet il-manteniment għax-xhur ta' Mejju 2010 u Ġunju 2010 minn għand żewġha liema manteniment jammonta għal €200 kull xahar u dan skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef (fol 8) a paragrafu 7. Hija xehdet li t-tfal ġeneralment ikunu magħha.

Xehed ukoll l-imputat li spjega li huwa ħafna drabi jagħti lit-tfal xi flus kif ukoll li huwa jħallsilhom għall-ikel meta dawn imorru sax-xatt biex jgħumu u jieklu xi ħaġa mill-gabbana tal-qrib. Huwa qal li martu ma kenitx avviċinatu biex iħallas il-manteniment u ried li l-manteniment jintefaq fuq affarijiet li għandhom bżonn it-tfal u mhux għall-bżonnijiet ta' martu.

Xehed ukoll bin l-appellant Silvane Medina li kkonferma li kellu xi ħwejjeġ fuqu li biċċa kien xtrahomlu missieru u orħajn xtrathomlu ommu.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-abbli difensur li ssottometta li l-kuntratt m'għandux ikun interpetat verbatim għax l-appellant xorta kien qed jagħti l-flus li kienu dovuti għall-manteniment tat-tfal billi jkopri ċerta spejjeż.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mix-xhieda li semgħet il-Qorti kkonkludiet li l-manteniment dovut għax-xhur ta'Mejju 2010 u ta' Ġunju 2010 kien għadu ma tħallasx sa llum. L-abbli difensur tal-appellant issottometta li l-appellant xorta kien qed jilħaq l-iskop tal-kuntratt billi jħallas ċerta spejjeż tat-tfal.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-obbligu li joħroġ mill-kuntratt jibqa' jorbot kif inhu mniżżel ' 'Ir-raġel biss jintrabat illi jħallas lill-mara manteniment għal

uliedhom'  – jiġifieri li l-flus tal-manteniment jingħataw lill-mara li tamministrahom hija fl-interss ta' uliedha. Sakemm il-kuntratt jibqa' bl-istess klawsola, l-appellant huwa marbut li josserva l-kuntratt skrupolożament. S'intendi huwa liberu li bħala missier joħroġ dik ix-xi ħaġa aktar li l-ulied ikunu qed jistennew minn għand il-missier. B'hekk tista' tinżamm dik ir-rabta sabiħa bejn missier u uliedu.

L-abbli difensur jissottometti li l-piena hija waħda eċċessiva.  Fil-fehma tal-Qorti, din mhix hekk, speċjalment fid-dawl li mill-11 t'Ottubru 2010 sa llum – aktar minn erba' xhur minn meta ngħatat is-sentenza  – ma sar ebda sforz sabiex jitħallas l-ammont dovut.  Lanqas ma ġie ppruvat li nbidel il-kuntratt.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza u l-piena mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet premessi fil-11 t'Ottubru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------